IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.6.2013
COM(2013) 349 final

2013/0184 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjonu, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll tal-Lussemburgu dwar il-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. L-għan tal-proposta preżenti

Il-Kummissjoni qed tipproponi li l-Unjoni Ewropea tapprova l-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji (minn hawn 'il quddiem "Il-Protokoll dwar il-Ferroviji" jew "il-Protokoll tal-Lussemburgu") adottat waqt Konferenza Diplomatika li saret taħt l-awspiċi konġunta tal-Istitut Internazzjonali għall-Unifikazzjoni tal-Liġi Privata (UNIDROIT) u l-Organizzazzjoni Internazzjonali għat-Trasport bil-Ferroviji (OTIF) fil-Lussemburgu bejn it-12 u t-23 ta' Frar 2007.

L-Unjoni Ewropea ddeċidiet dwar l-iffirmar tal-Protokoll dwar il-Ferroviji bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009[1] u effettivament iffirmatu fl-10 ta' Diċembru 2009.

2. l-Konvenzjoni ta' Cape Town u l-Protokoll dwar il-Ferroviji

2.1. Kamp ta' applikazzjoni

Il-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli (minn hawn 'il quddiem "il-Konvenzjoni ta' Cape Town" jew "il-Konvenzjoni") u l-Protokoll dwar Materji Speċifiċi għat-Tagħmir tal-Ajruplani (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll dwar l-Ajruplani") kienu adottati waqt Konferenza Diplomatika li saret f'Cape Town mid-29 ta' Ottubru sas-16 ta' Novembru 2001.

L-Unjoni Ewropea approvat l-adeżjoni għall-Konvenzjoni ta' Cape Town u l-Protokoll tal-Ajruplani bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' April 2009 u ddepożitat l-istrument tal-adeżjoni fit-28 ta' April 2009.

Il-Konvenzjoni tistipula regoli uniformi għall-kostituzzjoni u l-effetti ta' granzija internazzjonali (ftehim ta' sigurtà, ftehim dwar ir-riżervi tat-titoli jew ftehim dwar il-kiri) f'ċerti kategoriji ta' tagħmir mobbli stabbilit fil-Protokolli, marbutin mal-kategoriji segwenti: l-ajruplani, il-vetturi ferrovjarji u l-assi tal-ispazju.

L-istrument jikkonsisti fil-Konvenzjoni bażika li tistipula regoli legali applikabbli għall-kategoriji kollha ta' tagħmir mobbli u numru ta' Protokolli speċifiċi li għandhom regoli speċjali marbuta ma' tipi partikolari ta' tagħmir.

Dawn il-Protokolli jistgħu jemendaw il-Konvenzjoni fejn il-fatturi speċifiċi tas-settur rilevanti jkunu jeħtieġu hekk. Għaldaqstant huwa l-Protokoll u mhux il-Konvenzjoni li jorbot fir-rigward ta' kull kategorija ta' tagħmir mobbli. L-obbligi tal-Istati Membri taħt il-Konvenzjoni jvarjaw skont ma' liema Protokoll jaderixxu. Il-Konvenzjoni tista' tiġi applikata għal kategorija ta' tagħmir mobbli biss meta l-Protokoll rilevanti jidħol fis-seħħ , u biss għal dawk il-Partijiet li jkunu ffirmawh. Iżda l-Konvenzjoni u l-Protokoll għandhom jinqraw flimkien bħala strument uniku.

Il-Konvenzjoni tapplika meta d-debitur ikun jinsab fi Stat kontraenti (l-Artikolu 3) peress li d-diversi protokolli jipprovdu għal kriterji ta' kollegament speċifiċi (jiġifieri l-Istat tar-Reġistrazzjoni). Il-garanzija stabbilita mill-Konvenzjoni (l-Artikolu 1 u 2) tikkonċerna l-assi registrati, kif wkoll id-drittijiet u l-proċeduri assoċjati, u l-protokoll rilevanti jista' jipprovdi li l-Konvenzjoni tiġi applikata biex jinbiegħu l-assi (l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni). Il-Konvenzjoni ssaħħaħ id-drittijiet tal-benefiċjarji ta' din il-garanzija *in rem* unifikata fuq l-assi tat-tagħmir mobbli jekk id-debitur jonqos mill-obbligi tiegħu (l-Artikoli 8 sa 15). Il-

[1] ĠU L 331, 16,12.2009, p. 1.

Konvenzjoni fl-aħħar nett tistabbilixxi sistema internazzjonali għall-krediturі biex jirreġistraw il-garanziji fuq id-diversi kategoriji tal-assi fit-tagħmir mobbli (l-Artikoli 16 sa 26), billi tagħti prijorità lill-garanziji reġistrati tal-kreditur (l-Artikolu 29).

2.2. Għanijiet tal-Protokoll dwar il-Ferroviji

Dan l-istrument hu intiż biex jiffaċilita l-finanzjament tal-vetturi ferrovjarji b'valur għoli billi joħloq garanzija soda internazzjonali għall-krediturі (bejjiegħa bi kreditu u istituzzjonijiet li jissupplixxu kreditu għal dan il-bejgħ) li jagħtihom prijorità "assoluta" fuq dawn l-assi f'reġistru internazzjonali.

Il-Protokoll dwar il-Ferroviji jiffissa ċerti regoli li jikkonċernaw il-prijorità u l-infurzar tal-garanziji internazzjonali reġistrati għal ċerti tipi ta' krediturі li jiffinanzjaw vetturi ferrovjarji – jiġifieri l-garanti ta' dritt, il-bejjiegħ b'riżerva jew il-kerrej. Barra minn hekk il-Protokoll jipprovdi għal rimedji speċifiċi għall-krediturі (l-Artikolu VII) u tliet alternattivi għal rimedji dwar l-insolvenza tad-debitur (l-Artikolu IX). Taħt il-Kapitolu III, reġistru internazzjonali għandu jkun aċċessibbli permezz tal-internet u għandha titwaqqaf Awtorità ta' Sorveljanza. Fl-aħħar nett l-Artikolu XXV jawtorizza taħt ċerti kundizzjonijiet lill-Istati Kontraenti biex jagħmlu dikjarazzjonijiet biex jeskludu mill-portata tal-Protokoll il-materjal marbut mas-servizz pubbliku.

Il-Protokoll dwar il-Ferroviji joħloq sistema internazzjonali ta' reġistrazzjoni unika u li ma tistax tinbidel ta' garanziji internazzjonali. Il-Protokoll huwa komplementari u ta' sostenn għas-sistema Ewropea tan-Numri tal-Identifikazzjoni tal-Vetturi (adottata skont id-Direttiva dwar l-Interoperabilità Ferrovjarja). Tiggarantixxi li l-partijiet jistgħu jirreġistraw u jfittxu skont il-garanziji tagħhom minn fejn ikunu fl-UE, bl-użu tal-internet b'hekk ir-reġistrazzjoni tkun aċċessibbli 24 siegħa kuljum.

Dan l-istrument, aktarx li jkun ta' benefiċċju kbir għall-industrija Ewropea tal-ferroviji, għall-banek u l-Gvernijiet billi jinkoraġġixxi investiment tal-kapital fis-settur tal-ferroviji u jagħti spinta ħalli jinħoloq suq ġenwin ta' leasing.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI

L-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipproponi l-approvazzjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji, wara l-firma tal-UE fl-2009, permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-trasport bil-Ferrovija, assoċjazjoni transindustrijali li tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji, li l-membri tagħha huma, fost l-oħrajn, Bombardier Transportation, Deutsche Bahn, English Welsh and Scottish Railways, European Investment Bank, Intergovernmental Organisation for International Carriage by Rail (OTIF), UIC-International Union of Railways, Union of European Railway Industries.

Matul il-konsultazzjonijiet, kienet enfasizzata b'mod partikolari r-rabta mill-qrib bejn il-konklużjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji u l-adozzjoni tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju fit-30 ta' Jannar 2013.

Ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju hu mmirat lejn l-inkoraġġiment ta' aktar innovazzjoni fil-ferroviji tal-UE billi jiftaħ is-swieq domestiċi tal-UE tal-passiġġieri għall-kompetizzjoni, jissimplifika l-proċeduri għall-awtorizzazzjoni tal-vetturi ferrovjarji u t-titjib tal-governanza tal-infrastruttura. Dan jinkludi proposti leġiżlattivi biex jemendaw tliet Direttivi u żewġ

Regolamenti flimkien ma' komunikazzjoni, kif ukoll tliet Rapporti[2] u jenfasizza l-importanza li jiġu ffinanzjati vetturi ferrovjarji b'appoġġ tal-ftuħ tas-swieq finanzjarji, li huwa l-għan tal-Protokoll dwar il-Ferroviji.

L-adozzjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji se tappoġġja investiment ġdid fil-vetturi ferrovjarji fl-UE b'benefiċċju konsegwenti għall-operaturi u l-pubbliku. B'dan il-mod din tirfed l-aġenda tal-UE għat-tkabbir, billi tinkoraġġixxi aktar l-investiment fl-infrastruttura u se tappoġġja l-impjiegi fis-settur tal-manifattura.

Il-Protokoll dwar il-Ferroviji hu konsistenti wkoll mal-għan ta' appoġġ għall-bidla lejn mod ta' trasport aktar ekoloġiku u aktar sostenibbli bħal trasport bil-ferrovija, kif enfasizzat fil-White Paper dwar it-Trasport tal-2011.[3]

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3. Il-poteri fl-Unjoni Ewropea

Il-Konvenzjoni ta' Cape Town u l-Protokolli tagħha jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tal-Komunità. Għalhekk, l-Istati Membri ma jistgħux jirratifikaw il-protokolli mingħajr ma l-ewwel il-Protokolli jkunu approvati mill-UE.

Permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill, l-UE fil-fatt aderixxiet mal-Protokoll tal-Ajruplani fl-istess ħin mal-Konvenzjoni ta' Cape Town fit-28.4.2009[4] u ffirmat il-Protokoll dwar il-Ferroviji 10.12.2009[5]. Fil-mument tal-firma tal-Protokoll tal-Ferroviji saret dikjarazzjoni dwar il-kompetenzi tal-Komunità Ewropea, skont l-Artikolu XXII(2) tal-Protkoll dwar il-Ferroviji li jirrikjedi li fil-mument tal-firma, l-aċċettazzjoni, l-approvazzjoni jew l-adeżjoni, L-Organizzazzjoni Reġjonai tal-Integrazzjoni Ekonomika tagħmel dikjarazzjoni ġenerali li tindika l-kwistjonijiet koperti mill-Protkoll dwar il-Ferroviji li jaqgħu taħt il-kompetenzi li jkunu ġew trasferiti lill-Organizzazzjonijiet mill-Istati Membri tagħha.

Il-Paragrafu 6 tad-Dikjarazzjoni dwar il-kompetenza tal-Komunità magħmul fil-mument tal-firma għandu jiġi emendat sabiex jaġġornah, jiġifieri li tqis id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE u tikkoreġi r-referenza għall-Artikolu V(2) tal-Protokoll li għandu jissostitwixxi l-Artikolu XIV. Għalhekk, fil-mument tal-approvazzjoni, id-dikjarazzjoni għandha tiġi modifikata skont dan. It-test rivedut tad-dikjarazzjoni dwar il-kompetenzi tal-Unjoni Ewropea hija stipulata fl-Anness.

L-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fuq ċerti kwistjonijiet irregolati mill-Protkoll dwar il-Ferroviji u li jaffettwaw ir-Regolament (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-Ġurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Sentenzi fi Kwistjonijiet Ċivili u Kummerċjali[6], ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' insolvenza [7]u r-Regolament (KE) Nru 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma I)[8]. Barra minn hekk, hemm leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea għal materji rregolati mill-Protokoll dwar il-

---

2 Informazzjoni dwar ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju tista' tinsabu fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/kallas/headlines/news/2013/01/fourth-railway-package_en.htm

3 Pjan Direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti COM(2011) 144 finali tat-28.3.2011.

4 2009/370/EC, ĠU L 121, 15.5.2009, p. 3-7

5 2009/940/EC, ĠU L 331, 16.12.2009, p. 1–16.

6 ĠU L 12, 16,1.2001, p. 1.

7 ĠU L 160, 30,6.2000, p. 1.

8 ĠU L 177, 4,7.2008, p. 6.

Ferroviji u li jaffettwaw id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità (Riformulazzjoni)[9] u r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi aġenzija Ewropea għall-ferroviji[10].

4. Dikjarazzjonijiet dwar kwistjonijiet li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea.

Diversi regoli tal-Protokoll dwar il-Ferroviji jirrikjedu jew jippermettu lill-Partijiet Kontraenti li jagħmlu dikjarazzjonijiet rigward l-applikabilità jew l-ambitu tad-dispożizzjonijiet tiegħu jew il-mod ta' kif se jiġu implimentati.

L-Unjoni Ewropea għandha s-setgħa li tagħmel dikjarazzjonijiet għall-Artikoli VI, VIII, IX u X u tal-Protokoll dwar il-Ferroviji, li s-suġġett tagħhom jaqgħu taħt il-kompetenza esklussiva tagħha.

L-Artikolu VI tal-Protokoll dwar il-Ferroviji *(l-għażla tal-liġi*) jipprovdi li l-partijiet għal ftehim jew kuntratt ta' garanzija relatati jistgħu jagħżlu l-liġi applikabbli. Għalhekk, hu jirregola l-kwistjoni koperta bir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I).

Din l-għażla estensiva tal-liġi ma hijiex kompatibbli mas-sistema stabbilita mir-Regolament Nru 593/2008.

Bl-istess mod għal soluzzjoni li tingħażel fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/370/KE tas-6 ta' April 2009 dwar l-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Konvenzjoni dwar Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli u l-Protokoll tagħha dwar l-Ajruplani, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea se jkomplu japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 593/2008.

Peress li dan l-Artikolu japplika biss jekk id-dikjarazzjoni skont l-Artikolu XXVII tal-Protokoll dwar il-Ferroviji issir, fi żmien l-approvazzjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji l-Unjoni Ewropea m'għandhiex tagħmel dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu VI.

L-Artikolu 55 tal-Konvenzjoni ta' Cape Town, "*Il-modifika tad-dispożizzjonijiet dwar il-miżuri sakemm issir id-determinazzjoni finali*"tipprevedi l-possibbiltà li wieħed ma japplikax id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13 jew l-Artikolu 43, jew it-tnejn, kollha jew parti minnhom. Mal-adeżjoni tagħha għall-Konvenzjoni ta' Cape Town, l-Unjoni Ewropea ddikjarat li l-Artikoli 13 u 43 se japplikaw biss f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament Brussell I[11]. Għandu jiġi enfasizzat li dik id-dikjarazzjoni hi kompletament applikabbli għal verżjonijiet tal-Artikoli 13 u 43 tal-Konvenzjoni ta' Cape Town kif emendata mill-Protokoll dwar il-Ferroviji fl-Artikolu VIII. Kif iddikjarat fl-Artikolu XXIX tal-Protokoll dwar il-Ferroviji "*Dikjarazzjonijiet skont il-Konvenzjoni*", id-dikjarazzjonijiet li saru taħt il-Konvenzjoni ta' Cape Town, inkluż dak li sar taħt l-Artikolu 55 għandu jitqies li jkun sar skont il-Protokoll dwar il-Ferroviji sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Skont l-Artikolu VIII(1), u l-Artikolu VIII tal-Protokoll, li jkopri eżenzjoni temporanja, japplika kollu jew in parti biss fil-każ li Stat Kontraenti jkun għamel dikjarazzjoni pożittiva fis-sens u sal-punt iddikjarat f'tali dikjarazzjoni. Fil-każ li Stat Kontraenti jagħmel dikjarazzjoni bħal din fejn jidħol l-Artikolu VIII(2), għandu jispeċifika l-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jinkisbu l-forom għal eżenzjoni temporanja kif imfissra fl-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni. Huwa propost li, b'mod simili għal dak li ġie deċiż fil-kuntest tal-adeżjoni għall-Protokoll tal-Ajruplani, l-Unjoni Ewropea m'għandhiex tagħmel id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu VIII skont l-Artikolu XXVII (2).

---

9 ĠU L 191, 18,07.2008, p. 1.
10 ĠU L 220, 21,6.2004, p. 3.
11 ĠU L 121, 15,5.2009, p. 7.

L-Artikolu IX (*Rimedji dwar l-insolvenza*) u l-Artikolu X (*Assistenza għall-insolvenza*) huma virtwalment identiċi għad-dispożizzjonijiet korrispondenti għall-Protokoll dwar l-Ajruplani fejn il-Kunsill iddeċieda li ma jiffurmawx parti minnu. Tabilħaqq, id-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq japplikaw biss fejn Stat Kontraenti li huwa l-ġurisdizzjoni ewlenija tal-insolvenza jagħmel dikjarazzjoni pożittiva f'dan is-sens skont l-Artikolu XXVII.

Il-Kummissjoni tqis li, fen il-ġurisdizzjoni primarja tal-insolvenza hija fi Stat Membri tal-UE, ir-regolament Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000, dwar il-proċedimenti tal-insolvenza għandu f'kull każ ikun applikabbli minflok tal-Protkoll dwar il-Ferroviji, simili għal dak li kien deċiż fir-rigward tal-Konvenzjoni ta' Cape Town u l-Protokoll tagħha dwar l-Ajruplani. Sabiex jinkiseb dan il-għan u tinżamm iċ-ċertezza fil-liġi, hija tirrakkomanda li l-Komunità m'għandhiex tagħżel applikazzjoni sħiħa jew parzjali ta' xi waħda mill-alternattivi li hemm fl-Artikolu XI tal-Protokoll.

Minn dan joħroġ li hu propost li l-Unjoni Ewropea ma tagħmilx id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu IX tal-Protokoll skont l-Artikolu XXVII(3), jew id-dikjarazzjoni dwar assistenza fil-każ ta' insolvenza imsemmija fl-Artikolu X, li hi marbuta ma' dik fl-Artikolu IX, skont l-Artikolu XXVII(1).

2013/0184 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-approvazzjonu, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll tal-Lussemburgu dwar il-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda Materji Speċifiċi għall-Vetturi Ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 81(2), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mingħand il-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[12],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea qed taħdem għall-istabbiliment ta' żona ġudizzjarja komuni bbażata fuq il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet.

(2) Il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-tagħmir mobbli (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Konvenzjoni ta' Cape Town") dwar materji speċifiċi għall-vetturi ferrovjarji (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll dwar il-Ferroviji"), adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, jagħti kontribut siewi għar-regolament fuq livell internazzjonali. Hu għalhekk mixtieq li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-istrument li jikkonċernaw materji li jaqgħu fl-ambitu tal-kompetenza esklussiva tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu applikati mill-aktar fis possibbli.

(3) Il-Kummissjoni nnegozjat il-Protokoll dwar il-Ferroviji f'isem il-Komunità Ewropea, għall-partijiet li jaqgħu fil-kompetenza esklussiva tal-Komunità Ewropea.

(4) L-Artikolu XXII(1) tal-Protokoll dwar il-Ferroviji jipprovdi li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, li għandhom kompetenza fuq ċerti materji rregolati mill-Protokoll dwar il-Ferroviji, jistgħu jiffirmaw, jaċċettaw, japprovaw jew jaċċedu għall-imsemmi Protokoll.

(5) Uħud mill-materji rregolati mir-Regolament (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[13], ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' insolvenza[14], ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma I)[15],id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabiltà tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità

[12] ĠU C , , p. .
[13] ĠU L 12, 16,1.2001, p. 1.
[14] ĠU L 160, 30,6.2000, p. 1.
[15] ĠU L 177, 4,7.2008, p. 6.

(Riformulazzjoni)[16] u r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi aġenzija Ewropea għall-ferroviji[17] jkunu ttratti wkoll mill-Protkoll dwar il-Ferroviji.

(6) Il-Komunità Ewropea ffirmat il-Protokoll dwar il-Ferroviji 10.12.2009, wara li l-Kunsill awtorizza l-iffirmar permezz tad-Deċiżjoni 2009/940/KE tat-30 ta' Novembru 2009[18].

(7) L-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklussiva fuq uħud mill-materji rregolati mill-Protokoll dwar il-Ferroviji, filwaqt li l-Istati Membri għandhom kompetenza fuq materji oħra rregolati minn dan l-istrument.

(8) L-Unjoni Ewropea għandha għalhekk tapprova l-Protokoll dwar il-Ferroviji. L-Artikolu XXII(2) tal-Protokoll dwar il-Ferroviji jipprovdi li, fil-mument tal-firma, l-aċċettazzjoni jew l-adeżjoni l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika għandha tagħmel dikjarazzjoni li tispeċifika l-materji rregolati mill-imsemmi Protokoll li għalihom l-Istati Membri tagħha jkunu ddelegawlha l-kompetenza.

(9) Id-dikjarazzjoni dwar il-kompetenza tal-Komunità Ewropea kienet magħmula fil-mument tal-firma tal-istrument. Huwa rakkomandabbli li din id-dikjarazzjoni tiġġedded fi żmien l-approvazzjoni tal-Protokoll dwar il-Ferroviji sabiex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi leġiżlattivi u tikkoreġi żball fattwali dikjarazzjoni preċedenti.

(10) L-Artikoli VII, VIII, IX u X tal-Protokoll tal-Ajruplani japplikaw biss meta Stat Kontraenti jkun għamel dikjarazzjoni f'dan is-sens taħt l-Artikolu XXVII tal-imsemmi Protokoll u taħt il-kundizzjonijiet speċifikati minn dik id-dikjarazzjoni. Fil-mument tal-approvazzjoni tal-Protkoll dwar il-Ferroviji, l-Unjoni Ewropea mhijiex se tagħmel dikjarazzjoni taħt l-Artikolu XXVII(2) rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu VIII u lanqas mhi se tagħmel xi waħda mid-dikjarazzjonijiet permessi taħt l-Artikolu XXVII(1) u (3). Il-kompetenza tal-Istati Membri fejn jidħlu r-regoli ta' liġi sostantiva fir-rigward tal-insolvenza mhijiex se tiġi milquta.

(11) Ir-Renju Unit u l-Irlanda huma marbuta bir-Regolament (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċedimenti ta' insolvenza u r-Regolament (KE) Nru 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Rome I) u għalhek qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta'din id-deċiżjoni.

(12) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

[16] ĠU L 191, 18,07.2008, p. 1.
[17] ĠU L 220, 21,6.2004, p. 3.
[18] ĠU L 331, 16.12.2009, p. 1–16.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll għall-Konvenzjonijiet dwar il-Garanziji Internazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda materji speċifiċi għall-vetturi ferrovjarji, adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, u għaldaqstant hu approvat f'isem il-Komunità

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, biex tiddepożita l-istrument ta' approvazzjoni previst fl-Artikolu XXVII tal-Protokoll, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta bil-Protokoll.

Artikolu 3

Fil-mument tal-iffirmar tal-Protokoll l-Unjoni Ewropea għandha tagħmel dikjarazzjoni stabbilita fl-Anness, skont l-Artikolu XXII (2) tal-Protokoll.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil- […][19].

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[19] Id-data ta' dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

ANNESS

Dikjarazzjoni skont l-Artikolu XXII(2) dwar il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta'-materji rregolati mill-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar il-Garanziji Nazzjonali fuq it-Tagħmir Mobbli li jirrigwarda materji speċifiċi għall-vetturi ferrovjarji ("il-Protokoll dwar il-Ferroviji"), adottat fil-Lussemburgu fit-23 ta' Frar 2007, li dwarhom l-Istati Membri ttrasferixxew il-kompetenza tagħhom lill-Komunità.

1. L-Artikolu XXII tal- Protokoll dwar il-Ferroviji jipprovdi li l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika li huma ffurmati minn Stati Sovrani u li għandhom kompetenza fuq ċerti materji rregolati mill-Protokoll jistgħu jifffirmaw bil-patt li jagħmlu d-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu XXII(2). L-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tiffirma l-Protokoll dwar il-Ferroviji u għalhekk qed tagħmel din id-dikjarazzjoni.

2. Il-Membri attwali tal-Komunità Ewropea huma r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvija, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tal-Olanda, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Finlandja, ir-Renju tal-Isvezja u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq.

3. Madanakollu, din id-dikjarazzjoni ma tapplikax għar-Renju tad-Danimarka, f'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għat-Trattati.

4. Din id-dikjarazzjoni ma tapplikax fil-każ tat-territorji tal-Istati Membri li fihom it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) ma japplikax u hija bla ħsara għal dawk l-atti jew il-pożizzjonijiet li jistgħu jiġu adottati skont il-Protkoll dwar il-Ferroviji mill-Istati Membri kkonċernati għal dawk it-territorji u fl-interess tagħhom.

5. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ttrasferixxew il-kompetenza lill-Komunità fir-rigward ta' materji li jaffettwaw jew ibiddlu r-regoli tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent tal-infurzar tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali[20], ir-Regolament (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċeduri ta' insolvenza[21], ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali (Ruma I)[22], id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema tal-Ferroviji fil-Komunità (Riformulazzjoni)[23] u r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi aġenzija Ewropea għall-ferroviji[24].

6. Safejn tirrigwarda s-sistema tan-numri tal-vetturi, l-UE permezz tad-Deċiżjoni 2006/920/KE (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Awwissu 2006 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà marbuta mas-sottosistema tal-operazzjoni tat-traffiku u l-ġestjoni trans-Ewropea tas-sistema konvenzjonali tal-ferroviji), aġġornata

---

20 ĠU L 12, 16,1.2001, p. 1.
21 ĠU L 160, 30,6.2000, p. 1.
22 ĠU L 177, 4,7.2008, p. 6.
23 ĠU L 191, 18,07.2008, p. 1.
24 ĠU L 220, 21,6.2004, p. 3.

reċentement permezz tad-deċijoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE, adottat sistema ta' numri li tkun xierqa għall-iskop ta' identifikazzjoni ta' vetturi ferrovjarji kif imsemmija fl-Artikolu XIV tal-Protkoll dwar il-Ferroviji.

Barra minn hekk, safejn jirrigwarda l-iskambju tad-dejta bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Reġistru Internazzjonali, l-UE għamlet progress konsiderevoli permezz tad-Deċiżjoni 2007/756/KE (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2007 li tadotta speċifikazzjoni komuni tar-reġistru nazzjonali tal-vetturi pprovuta taħt l-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE, aġġornata reċentement permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE. L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea implimentaw Reġistri Nazzjonali tal-Vetturi u għandhom jiġu evitati d-duplikazzjonijiet tad-dejta fir-reġistru internazzjonali.

7. L-Unjoni Ewropea ma tagħmilx dikjarazzjoni taħt l-Artikolu XXVII(2) rigward l-applikazzjoni tal-Artikolu VIII u lanqas mhi se tagħmel xi waħda mid-dikjarazzjonijiet permessi taħt l-Artikolu XXVII(1) u (3). L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom dwar ir-regoli ta' liġi sostantiva fejn tidħol l-insolvenza.

8. L-eżerċizzju tal-kompetenza li l-Istati Membri għaddew lill-Unjoni Ewropea taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hu minnu nnifsu, suġġett għal żvilupp kontinwu. Fil-qafas tat-Trattati, l-istituzzjonijiet kompetenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jistabbilixxu l-limitu tal-kompetenza tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, il-Komunità tirriżerva d-dritt li temenda d-dikjarazzjoni preżenti f'dan is-sens, mingħajr ma dan jikkostitwixxi prerekwiżit għall-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha fir-rigward ta' materji rregolati mill-Protokoll dwar il-Ferroviji.